# Il-Kwadru tat-twelid tal-Madonna fil-Knisja ta' San Publiju Floriana



Mario Fenech

Wieħed mill-kwadri li hemm fil-Knisja Arċipretali ta' San Publiju fil-Floriana huwa dak li ħafna nies jirreferu għalih bħala l-Kwadru ta' Sant'Anna.

Dan il-kwadru huwa xogħol tal-artist Antonio Zammit li kien twieled f'Bormla fis-sena 1830 u miet nhar is-7 t' April 1864. Tgħallem l-arti għand l-artist magħruf Tumas Madiona u għalkemm miet ta' età żgħira huwa kien laħaq għamel ħafna xogħlijiet f'numru ta' knejjes.



Fost dawn il-knejjes hemm il-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu, il-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla, il-Knisja Parrokkjali ta' San Bartilmew f'Ħal Għargħur, il-Katidral tal-Imdina, il-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla, il-Knisja Arċipretali ta' Santa Marija fiż-Żebbuġ Għawdex u l-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt fost oħrajn.

Il-kwadru li għażilt għal dan l-artiklu huwa l-uniku xogħol ta' dan l-artist li hemm fil-Knisja tal-Floriana, u fih l-artist jagħtina xena sabiħa ta' qdusija u ġabra.

Dan irnexxielu jagħmlu permezz ta' dija li tidher ħierġa minn sħab fil-parti ta' fuq tat-tila. Is-sħab abjad jagħtina l-ħsieb tal-Ġenna filwaqt li d-dija hija l-Barka tat-Trinità Qaddisa nieżla għal fuq il-figura ta' Sant'Anna.

Il-qaddisa narawha bilqegħda fuq tron sempliċi filwaqt li qegħda żżomm lil Marija Bambina f'ħoġorha.

Fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru l-artist pinġa l-figura ta' San Ġwakkin għarkupptejh fl-art b'rasu baxxuta qiegħed jammira din il-Ħlejqa Divina, filwaqt li mara twajba qegħda fuq in-naħa l-oħra tat-tila wkoll għarkupptejha qegħda żżomm il-faxex f'idejha għal-lest biex it-tarbija titpoġġa fil-fisqija.

Fil-parti ta' fuq tal-kwadru sitt anġli, tlieta fuq kull naħa tad-dija, qegħdin josservaw din ix-xena sabiħa.

L-anġli tan-naħa tax-xellug jidhru qegħdin iferrxu petali ta' ward 'l isfel filwaqt li f'idejn l-anġli li hemm fuq in-naħa l-oħra tat-tila, l-artist pinġa stillarju bi tnax-il stilla mdawra miegħu f'idejn anġlu u ġilju sabiħ f'idejn anġlu ieħor.

Dawn huma żewġ simboli importanti li dejjem narawhom fi kwadri u fuq statwi tal-Madonna. Dawn iż-żewġ simboli jirrappreżentaw is-safa tal-Qalb Bla Tebgħa tal-Madonna u l-Inkurunazzjoni tagħha mill-Kori Kollha tal-Anġli.

Il-kuluri ta' dan il-kwadru huma mirquma b'mod interessanti bl-attenzjoni tal-kuluri ċari fuq ix-xbieha ta' Sant'Anna u Marija Bambina. Il-kulur kemmxejn skur li hemm fil-fond tat-tila jirrappreżenta t-triq mudlama tal-ħajja tagħna l-bnedmin u li għandna nirrikorru lejn il-Madonna bħala d-dawl tal-ħajja tagħna.

Huwa għalhekk li għandna dejjem nagħtu ġieħ b'mod xieraq lil Dik li nisslet lill-Iben t'Alla fuq din l-art mingħajr l-ebda tebgħa tad-dnub. Omm Alla u Omm il-Bnedmin kollha.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.